MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Numru. 93/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Wilfred Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Wilfred Camilleri**, ta' wiehed u hamsin (51) sena, bin Peter Paul u Jane neé Azzopardi, imwieled Nadur, nhar l-01 ta' Marzu, 1958, residenti fil-fond numru Tal-Kokka, Sqaq Dun Karm Caruana, Nadur, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 11458(G), akkuzat talli fin-Nadur,

gewwa dawn il-Gzejjer, nhar il-20 ta' Novembru 2009 ghall-habta tas-sitta nieqes kwart ta filghaxija (17:45hrs):

1. ghamel hsara li tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda inqas minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) ghad-detriment ta' Lawrence Muscat;
2. fl-istess jum, data u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carmel Muscat f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura hafifa skont ma ccertifika Dr. I. Galea M.D.;

3. fl-istess jum, data u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Lawrence Muscat f'periklu car, ikkagunalu ferita ta natura hafifa skont ma ccertifika Dr. I. Galea M.D.;

4. hebb kontra l-persuni ta' Lawrence Muscat u Carmel Muscat sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmilhom hsara;

5. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u bil-glied.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz, inkluz il-filmati u r-ritratti kollha li gew prezentati, u kif ukoll l-atti kollha taz-zewg kawzi mismugha mal-kawza odjerna.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JM" – *a fol.* 7).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 19).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 367).

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fis-7 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti, fost affarijiet ohra, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza (*a fol.* 370).

Rat illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 372 u 373), il-Prosekuzzjoni, il-*parte civile* u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 347 *et seq.*) quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-provi mismugha.

Rat illi, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 347 *et seq.*) quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, instemghu s-sottomissjonijiet finali da parti ta' Dr. Mario Scerri ghan-nom ta' Wilfred Camilleri.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Dr. Angele Formosa ghan-nom ta' Carmel Muscat u Lawrence Muscat ipprezentata fil-25 ta' Frar 2014 (*a fol.* 359 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Wilfred Camilleri ipprezentata fid-19 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 374 *et seq.*).

Rat illi, minkejja dak verbalizzat fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 372 u 373), il-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentat l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet minkejja li giet moghtija l-fakolta' li taghmel hekk fi zmien stabbilit.

Rat illi din il-kawza kienet qed tinstema flimkien ma' zewg kawzi ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lawrence Muscat** (Kawza Distrett Numru 856/2009) u **Il-Pulizija vs. Carmel Muscat** (Kawza Distrett Numru 855/2009) f'liema zewg kawzi msemmija, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 154 u 102 rispettivament tal-kawzi msemmija), il-Qorti laqghet talba sabiex il-provi migbura fil-kawzi msemmija jkunu japplikaw ghall-kawza odjerna.

Semghet, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 383), li s-sentenza mmarkata bhala Dok. "C" (*a fol.* 339 *et seq.*) giet konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Dicembru 2014.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni u tal-kawzi mismugha maghha.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2009, xehed **Dr. Joseph Vella** (*a fol.* 20) rigward ic-certifikat mediku rilaxxat minnu fl-20 ta' Novembru 2009 fir-rigward ta' Wilfred Camilleri f'liema certifikat il-griehi sofferti minn Camilleri kienu klassifikati bhala ta' natura hafifa. Dan ic-certifikat gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JV" (*a fol.* 21).

**Dr. Joseph Vella** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2011 (*a fol.* 197 *et seq.*) u rega' gie mistoqsi jghid ma xiex setghet kienet kompattibbli l-ferita sofferta minn Wilfred Camilleri u Dr. Vella wiegeb li din tista' tkun kompatibbli ma' hafna affarijiet.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2009, xehed ukoll **Dr. Ian Galea** (*a fol.* 22 *et seq.*) rigward ic-certifikati medici (Dok. "B" u "C" – *a fol.* 12 u 13) rilaxxati minnu fir-rigward ta' Carmel Muscat. Xehed ukoll rigward ic-certifikati medici (Dok. "D" u "E" – *a fol.* 14 u 15) rilaxxati minnu fir-rigward ta' Lawrence Muscat. Jghid li l-griehi sofferti minn Carmel Muscat u Lawrence Muscat kklassifikahom bhala griehi ta' natura hafifa, salv kumplikazzjonijiet.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2009, xehed ukoll **Lawrence Muscat** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn spjega li huwa jghix l-Amerika u li fl-20 ta' Novembru 2009 wasal Ghawdex fil-5.30pm. Jghid li kien hemm huh Carmel Muscat u hekk kif kienu sejrin l-iSptar sabiex jaraw lill-ommhom, f'hin minnhom sema' xi ghajjat, dawwar wiccu u ra lil Wilfred Camilleri jaghti bil-ponn lil huh li kien fil-vettura. Jghid li hu (Lawrence Muscat) mar jipprova jigbed lil Wilfred Camilleri pero dan dar ghalih u tajjarlu n-nuccali. Jghid li Wilfred Camilleri beda jaghtih bis-sieq fuq saqajh u bil-ponn go wiccu. Jixhed li hu (Lawrence Muscat) ma setgha jara xejn u li ma kellux nuccali peress li dan gie miksur u li jiswa madwar sitt mitt Euro (€600.00). Ikkonferma l-ircevuta Dok. "F" (*a fol.* 16) ta' kemm hallas ghan-nuccali. Jghid li l-ammont indikat fuq l-ircevuta huwa bid-dollari. Jghid li n-nuccali ma jafx fejn hu ghax gie mkisser. Jispjega li huh Carmel Muscat fl-ebda hin ma hareg mill-vettura. Ezebixxa zewg ritratti li gew immarkati bhala Dok. "LM 1" u "LM 2" (*a fol.* 26).

Wara li ra n-nuccali li gie ezebit bhala dok. "LB 1" (*Vide a fol.* 4) ikkonferma li dan huwa n-nuccali tieghu (*a fol.* 29). Jghid li dan twessa u li kien qed jaqghalu minn ghajnejh. Jghid li n-nuccali kien ghadu kemm jaghmlu ftit gimghat qabel l-incident u li kien ghadu gdid.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 239 *et. seq.*) spjega li thallas porzjon mill-*insurance*. Fil-bidu tal-kontro-ezami Lawrence Muscat gie mistoqsi diversi domandi rigward l-ircevuti li gew ezebiti. Mistoqsi jghid jekk kienx *bothered* li filghodu l-MEPA kienu marru u nehhew il-hajt in kwistjoni, wiegeb: *"No, jien kont ibboderjat biss biex immur nara lil ommi x'hin wasalt. Dak biss, ghax ommi kienet hazin"* (*a fol.* 247). Mistoqsi jghid kemm kien ilu sejjer bil-kwistjonijiet ma' Wilfred Camilleri qabel dan l-incident, wiegeb: *"Iva, kien ilna sejrin"* (*a fol.* 257). Ikkorega dak li gie moqri lilu, fis-sens li meta l-avukat difensur ta' Wilfred Camilleri qallu li bid-daghdigha li kien, Wilfred Camilleri mar ghan-naha l-ohra tat-triq u sab qasrija u nfexx maghha u beda jaghtiha, Lawrence Muscat qal li dan ma kienx minnu. Jghid: *"it's wrong. Its not my mistake. Jien ghidt, jiena ghidt, tant kemm qala' daqqiet Karmenu tilef il-kontroll [...] u ma baqax jara u l-karrozza marret fuq il-genb u kissret il-qasrija"* (*a fol.* 259). Tul il-kontro-ezami ta' Lawrence Muscat, il-konsulent legali ta' Wilfred Camilleri ezebixxa ritratt li gie mmarkat bhala Dok. "MS" (*a fol.* 262).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2009, xehed ukoll **PS 581 Loreto Buttigieg** (*a fol.* 27 *et seq.*) fir-rigward tar-rapport (Dok. "A" – *a fol.* 8 *et seq.*) redatt minnu in segwitu ta' dak li gie nfurmat bih mill-isptar fejn gew nfurmati illi n-Nadur kien hemm glieda u kien hemm bzonn l-assistenza tal-ambulanza. Ezebixxa n-nuccali ta' Lawrence Muscat li gie moghti minn Wilfred Camilleri, liema nuccali gie mmarkat bhala Dok. "LB 1" (*Vide a fol.* 4).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2010, xehed **Mr. Raymond Aquilina** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn qal li fl-20 ta' Novembru 2009 Lawrence Muscat attenda l-*Casualty Department* fl-iSptar Generali ta' Ghawdex. Jghid li mill-*x-rays* irrizulta li Lawrence Muscat kellu operazzjoni f'ghonqu u li mill-bqija rrizulta li ma kien hemm l-ebda ksur. Jghid li l-griehi sofferti minn Lawrence Muscat gew klassifikati bhala ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Ikkonferma n-notament tieghu fuq certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "D" (*a fol.* 14 *tergo*).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2010, xehed ukoll **PC 1153 Mark Cardona** (*a fol.* 33 *et seq.*) fejn spjega li mar fuq il-post tal-akkadut dakinhar stess u sab lil Wilfred Camilleri mal-art u li kellu d-demm nizel ma' wiccu. Jghid li lil Carmel Muscat u Lawrence Muscat ma rahomx fuq il-post.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2010, xehed ukoll **Carmel Muscat** (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn qal li fl-20 ta' Novembru 2009 kien rcieva telefonata fuq il-*mobile* tieghu mir-residenza fejn kien hemm ommu u riedu jkellmuh dwar il-qaghda ta' ommu. Jghid li ommu kienet iddahlet l-isptar madwar sena qabel wara li kienet tfixklet f'saqajha u qasmet il-*hip bone* kagun ta' mbarazz u gebel li pogga Wilfred Camilleri fl-entratata li kienet taghmel parti mill-proprjeta' ta' huh li dwarha kien hemm kawza pendenti quddiem il-Qorti. Jghid li huh Lawrence Muscat gie mill-Amerika. Jghid li hu (Carmel Muscat) dahal fil-vettura u waqaf jistennieh, parti fuq ir-rampa u parti fl-isqaq, u waqt li huh ghalaq ir-rixtellu u beda mixi qablu biex jigwidah biex johrog mill-isqaq, jghid li f'daqqa wahda, qabel ma beda hiereg minn quddiem id-dar ta' huh, lemah lil Wilfred Camilleri diehel bil-vettura. Jghid: *"Meta gejt ezatt magenbu fil-pront dahhal rasu mit-tieqa miftuha kollha tan-naha tieghi u beda jfajjar daqqiet ta' ponn fuq rasi, fuq wicci u fuq il-windscreen tal-karrozza tieghi waqt li jien bqajt iccassat bil-qieghda fuq l-isteering f'idejja. Jiena ma stajtx*

*niddefendi lili nnifsi minn bil-qieghda wara l-isteering wheel tal-karrozza"* (*a fol.* 36). Jghid li ntilef minn sensieh bid-daqqiet ta' ponn li tah Wilfred Camilleri. Jghid spicca barax il-*bumper* ta' quddiem tal-vettura. Jispjega x'ghamlu huh u hu wara l-akkadut, fost l-ohrajn jghid li l-ewwel marru l-*health centre*, imbaghad marru l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex. Jilmenta minn dak li kellu jghaddi minnu rigward dak li gie miktub fic-certifikati medici. Jghid li hu garrab id-daqqiet kollha go rasu u go wiccu. Jichad li qabel ma sehh l-incident huwa kiser il-paci pubblika u l-bon ordni ghax hu bil-kemm gholla lehnu biex ikellem lil huh. Jghid li hu fl-ebda hin ma ndirizza jew kellem lil Wilfred Camilleri jew qallu xi diskors. Jghid li anqas huh Lawrence fl-ebda hin ma kellem jew indirizza lil Wilfred Camilleri. Jichad li kkaguna xi griehi fuq il-persuna ta' Wilfred Camilleri. Jghid li Wilfred Camilleri setgha garrab xi feriti filwaqt li hu (Wilfred Camilleri) kien qed issawtu (lil Carmel) u fil-mument li huh Lawrence gibdu minn fuqu (minn fuq Carmel). Ezebixxa numru ta' dokumenti, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "CM 1" sa "CM 21" (*a fol.* 44 *et seq.*). Fost dawn id-dokumenti hemm sentenza (Dok. "CM 18" – *a fol.* 64) moghtija fil-21 ta' Lulju 2004 u kif ukoll in-notamenti (Dok. "CM 21" – *a fol.* 67 *et seq.*) li minnhom ta x-xiehda tieghu

**Carmel Muscat** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-27 ta' April 2010 (*a fol.* 81) fejn spjega li huh kien ghadu jbaghti b'konsegwenza tal-incident in kwistjonu b'ugigh f'irkopptu. Jghid li ghadu mugugh u ghadu jonfoq hafna flus ghal kura tieghu. Ezebixxa zewg *faxes* li baghtlu huh rigward l-ispejjez li qed jinkorri, liema *faxes* gew immarkati bhala Dok. "CM 22" u "CM 23" (*a fol.* 82 *et seq.*). Jghid li anke hu (Carmel) ghadu jbaghti b'konsegwenza tal-incident. Jghid li jbaghti spiss minn ugiegh ta' ras. Xehed ukoll rigward l-ugiegh li hass b'sidru fil-11 ta' Marzu 2010 u ezebixxa ritratt li gie mmarkat bhala Dok. "CM 24" (*a fol.* 88).

**Carmel Muscat** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2010 (*a fol.* 90) fejn ipprezenta sett dokumenti in konnessjoni mal-operazzjonijiet u l-kura medika kollha li rcieva huh Lawrence Muscat barra minn Malta, liema dokumenti gew immarkati bhala dokument wiehed immarkat bhala Dok. "CM 25" (*a fol.* 91 *et seq.*). Ezebixxa wkoll zewg dokumenti ohra, wiehed in konnessjoni mal-*angioplast* li ghamel hu (Carmel) minhabba *stress* li bata' u l-konsegwenza li kellu ghal qalbu minhabba l-incident u dokument iehor in konnessjoni mal-*black outs* li qed isofri minnhom, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "CM 26" u Dok. "CM 27" (*a fol.* 98 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tad-9 ta' Frar 2012 (*a fol.* 201 *et seq.*) mistoqsi jghid jekk hux minnu li ftit qabel l-incident huh kien involut f'incident tat-traffiku fl-Amerika, wiegeb li ma jafx. Jghid li Wilfred Camilleri dahhal rasu fil-vettura li kien qed isuq hu. Jghid: *"bid-daqqiet li ta fuq l-iscreen u fuq rasi jista' jkun li ukoll habbat rasu ma' fuq tal-bieba"* (*a fol.* 206). Jirrepeti li Wilfred Camilleri beda jfajjar bil-ponn. Mistoqsi jghid jekk Wilfred Camilleri kienx qieghed jaghmel hekk ghal xejn b'xejn, wiegeb: *"Jien naf!"* (*a fol.* 209).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2011 (*a fol.* 103), il-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* ezebew certifikati tal-griehi li sofrew Carmel Muscat u Lawrence Muscat, liema certifikati gew immarkati bhala Dok. "CM 28" u "CM 29" rispettivament (*a fol.* 104 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2011, xehed **Wilfred Camilleri** (*a fol.* 124 *et seq.*) fejn beda billi ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "CW 1" (*a fol.* 139 *et seq.*) f'liema dokument hemm indikat il-hin ta' dak kollu li gara dakinhar tal-akkadut, liema hinijiet gew mehuda minn CCTV *camera* li Wilfred Camilleri ghandu mal-proprjeta' tieghu. Ezebixxa ritratt u dokument mahrug mill-MEPA

li gew immarkati bhala Dok. "CW 2" u "CW 3" (*a fol.* 141 u 142). Jaghmel riferenza ghal xi hajt li kellu jitnehha in segwitu ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili. Jispjega x'kellu jsir minn Muscat li baqa' ma sarx bil-konsegwenza li meta tinzel ix-xita jidhol l-ilma fil-proprjeta' tieghu (ta' Wilfred). Jghid li dakinhar tal-akkadut: *"kif qed nikser nara dawl ta' karrozza pparkjata quddiem id-dar tieghi, kwazi gewwa nett, quddiem ta' Cassar, faccata tad-dar tieghi; qieghed f'nofs it-triq. Jien bdejt diehel gos-sqaq; zammejt mal-linja biex din il-karrozza tohrog"* (*a fol.* 126). Jghid li din il-vettura baqghet ma ccaqilqitx u meta hares biex jara jekk kienx hemm xi hadd go fiha, ma setgha jara lil hadd. Jispjega li f'hin minnhom ra lil Lawrence Muscat riesaq u jghid li kien ilu jigi mhedded minn ommu li kien ser jigi biex jaghtih xeba mill-Amerika. Jghid: *"x'hin harist lejh harist lejn il-kantuniera ha nara narax lil Karmenu hiereg warajh. Il-gate tal-injam tieghi kienet ghadha miftuha. [...] U kif ergajt qieghed indur ghax-xellug nara d-dellijiet jitharrku u jien qieghed inhares in-naha ta' barra tas-sqaq"* (*a fol.* 127). Jghid li f'dan il-hin irrealizza li l-vettura kienet miexja u li huwa baqa' jdur ghal fuq ix-xellug. Jghid li sema' rejzjar tal-magna tal-vettura u twerziq tat-*tyres* u jdur fuq ix-xellug, johrog idejh quddiemu, ghax il-vettura kienet kwazi waslet fuqu, qala' daqqa f'siequ x-xellugija bil-vettura u tar ghal fuq il-*windscreen*. Ezebixxa numru ta' ritratti li gew immarkati bhala Dok. "CW 4" sa "CW 6" (*a fol.* 145 *et seq.*). Jghid li kellu ugiegh kbir u sema lil Lawrence Muscat jghajjat, hu (Wilfred) dawwar rasu u hekk kif Lawrence ra lil Wilfred ihares lejh, Lawrence gholla l-ponn 'l fuq u qallu: *"Madonna x'naghmillek"* (*a fol.* 128). Jghid li Lawrence telaq jigri ghal fuqu (Wilfred). Jghid li Carmel Muscat spicca gibdu mill-hwejjeg. Jghid li Lawrence Muscat spicca tah daqqa ta' ponn fuq in-nuccali tant li kissirulu u ghamillu feriti f'wiccu (lil Wilfred). Jghid li beda jaghtih kemm jiflah fuq rasu (lil Wilfred) u wara dan Carmel Muscat saq il-vettura u pparkjaha quddiem il-garaxx ta' Galea. Jghid: *"Hekk kif qieghed inhossni niezel nara dan id-dawl, inhoss daqqa ohra hawnhekk fuq widinti u wara widnejja, u ma' did-daqqa ghajnejja nfethu, ergajt bdejt nara. Bdejt nara saqajn Karmenu hawn, u nhoss daqqa ohra n-naha l-ohra minn Wenzu, daqqa ohra iebsa, qawwija mhux iebsa.*

*Ta' Karmenu kienu iebsin ghax ta' Karmenu kienu bil-hadida; ta' Wenzu kienu bil-ponn. Daqqa ohra qawwija hafna hawnhekk wara rasi, u daqqa ohra iebsa n-naha l-ohra ta' Karmenu bil-hadida"* (*a fol.* 130). Jghid li meta ghamel idu ma' wiccu rrealizza li kellu d-demm. Ezebixxa qmis, *clip* tal-*mobile* u n-nuccali tieghu li gew mmarkati bhala Dok. "CW 7" sa "CW 9" (*a fol.* 146). Jghid li mar l-isptar ma' martu.

Jghid li ghamel ghoxrin sekonda jlaqqat daqqiet go rasu u jahseb li kien mitluf minn sensih ghal xi hin qasir. Tul id-depozizzjoni tieghu, ezebixxa numru ta' dokumenti ohra, li gew immarkati bhala Dok. "CW 10" sa "CM 25" (*a fol.* 147 *et seq.*), fost liema hemm numru ta' ritratti kif ukoll CDs.

**Wilfred Camilleri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-19 ta' April 2011 (*a fol.* 160 *et seq.*) fejn filwaqt li ghamel xi korrezzjonijiet zghar li kien hemm fir-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu, ezebixxa numru ta' dokumenti ohra, fosthom ritratti, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "CW 25" sa "CW 32" (*a fol.* 168 *et seq.*). Wilfred Camilleri ta spjegazzjoni ta' dawn id-dokumenti kollha.

**Wilfred Camilleri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 225) fejn ezebixxa numru ta'ritratti ta' *stills* mehudin minn *CCTV cameras*, li gew immarkati bhala Dok. "CW 33" (*a fol.* 226).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 266 *et seq.*), jghid li ried idahhal il-vettura tieghu fil-*garage*. Jghid li tajritu l-vettura wara li sema l-magna tirrezja. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm *skid marks* fit-triq, jghid li ma kienx hemm. Jghid li anqas brejkmarks ma ghamel. Jghid: *"Kif kont qed indur ghamilt pass*

*b'saqajja biex immur lejn il-garaxx u nara l-karozza gejja fuqi. Tajt skoss lura u kif kont qieghed kwazi fl-ajru laqatni f'irkopptejja x-xellugija u tirt ghal gol-karrozza, ghax jien kont maqtugh mill-ajru kwazi"* (*a fol.* 280). Jghid li gie mtajjar u gie fuq il-*windscreen*. Jghid li waqa' fil-genb tal-vettura. Jixhed: *"Lawrence Muscat kien ghadu kemm ghajjat kelma b'erba' ittri u dan x'hin sema' lil huh jghajjat dik il-kelma rrejzja ghal fuqi. U Lawrence gie jigri warajh wara l-karrozza tieghu biex jiena ma nidholx gol-garazxx, gie jaqbadni biex itini"* (*a fol.* 281). Mistoqsi rigward il-hadida li semma fid-depozizzjoni tieghu, u mistoqsi jghid minn fejn giet din il-hadida, jghid li din gabha Lawrence Muscat mill-Amerika biex jaghtih biha.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011, xehed **Dr. Antonin Pechar** (*a fol.* 180 *et seq.*) fejn spjega li gie mitlub jixhed rigward il-griehi sofferti minn Wilfred Camilleri fl-20 ta' Novembru 2009. Jghid li d-depozizzjoni tieghu hija bbazzata fuq in-notamenti tal-isptar. Filwaqt li spjega fiex kienu jikkonsistu l-griehi sofferti minn Wilfred Camilleri, ikklasifikahom bhala griehi ta' natura hafifa.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2011, xehdet **Dr. Nathalie Ellis** (*a fol.* 186 *et seq.*) fejn spjegat illi Wilfred Camilleri kien gie rikoverat l-isptar fl-20 ta' Novembru 2009. Tghid li Wilfred Camilleri ttiehed l-isptar permezz ta' ambulanza. Tghid li t-tabib li ezaminah l-emergenza ma sabx lill-pazjent mitluf minn sensieh. Spjegat il-griehi li nstabu fuq Wilfred Camilleri. Tghid li Wilfred Camilleri gie rilaxxat fit-22 ta' Novembru 2009. Spjegat ukoll dak li ilmenta bih Wilfred Camilleri granet wara tant li fil-5 ta' April 2010 anke sar CT *scan* tal-mohh u nstab li Camilleri ma kellu l-ebda problema patologika fil-mohh.

In kontro-ezami meta giet mistoqsija tghid jekk minn dak li qrat mill-*file* tal-pazjent irrizultalhiex li f'xi mument il-pazjent kellux xi haga li kienet ta' theddida ghal hajtu, wiegbet fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tat-1 ta' Dicembru 2011, xehed ukoll **Dr. Victor Curmi** (*a fol.* 190 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien hemm zmien fejn hu ezamina lil Wilfred Camilleri wara li kien involut f'incident. Spjega dak li ilmenat bih Wilfred Camilleri, b'mod specjali l-ugiegh ta' ras u li beda jhoss gbied f'rasu u kif ukoll il-mejt.

Illi, fis-seduta tat-1 ta' Dicembru 2011, xehdet ukoll **Dr. Anna Maria Abela** (*a fol.* 194 *et seq.*) fejn spjegat li fid-29 ta' Novembru 2009 ezaminat lil Wilfred Camilleri wara li kien qed jilmenta minn hafna mejt.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 217 *et seq.*), tispjega li meta lil Wilfred Camilleri baghtitu l-isptar, baghtitu ghand Dr. Zvejda. Ma tafx jekk sar *psychological assessment* minn Dr. Zvejda.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2012, fil-kawzi **Il-Pulizija vs. Carmel Muscat** (Kawza Disrett Numru 855/2009) u **Il-Pulizija vs. Lawrence Muscat** (Kawza Distrett Numru 856/2009), xehed **Dr. Kristian Vella** (*a fol.* 43 *et seq.* u 98 *et seq.*, rispettivament) fejn spjega li Wilfred Camilleri kien pazjent tieghu u li fit-2 ta' Dicembru 2009 kien mar ghandu peress li Wilfred Camilleri kien qallu li kien laqqat xi daqqiet u kellu snin mkissrin u kellhom isiru trattamenti. Spjega liema kienu s-snin li kellu mkissrin u xi trattamenti kellu jaghmel lil Wilfred Camilleri. Ikkonferma c-certifikat rilaxxat minnu, liema

certifikat gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "KV"[1]. Jghid li l-hsara li kellu fi sninu u f'halqu Wilfred Camilleri ma kienitx hemm qabel. Jghid li l-hsara li sab fil-halq u fis-snien kienet kompatibbli ma' trawma. Jixhed li l-process biex tigi trangata l-hsara kienet wahda li tiehu l-hin u ssir f'diversi stadji u li baqa' sejjer zgur sal-14 ta' Lulju 2012. Mistoqsi jghid kif jikklasifika dawn il-griehi, jekk hux ta' natura hafifa jew ta' natura gravi, wiegeb li jikklassifikahom fin-nofs.

In kontro-ezami, beda billi ezebixxa kopja tal-*file* mediku ta' Wilfred Camilleri, li gie mmarkati bhala Dok. "KV 1"[2] . Qal li ppreskriva xi *antibiotics* lil Wilfred Camilleri

In ri-ezami kkonferma li l-ispejjez li ghamel Wilfred Camilleri kienu prattikament dawk li jidhru elenkati fic-certifikat tieghu mmarkat bhala Dok. "KV". Jghid li setgha kien hemm xi spejjez ohra zghar. Mistoqsi jghid kif wasal ghal fatt li Wilfred Camilleri kellu trawma meta mar ikellmu f'Dicembru 2009, wiegeb li ghax haga bhal din tista' taraha, kif fil-fatt raha hu.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2012, xehdet **Pauline Camilleri** (*a fol.* 221 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li hija l-mara ta' Wilfred Camilleri. Spjegat x'rat dakinhar tal-akkadut. Tixhed hekk: *"Il-karrozza ta' Karmenu saqet ghal fuq ir-ragel tieghi, ir-ragel tieghi tar, u narah hekk, miftuh fuq il-windscreen, u l-iehor gej jigri, qabdu minn fuq il-windscreen, beda jtih go rasu, minn wahda ghall-ohra"* (*a fol.* 222). Tghid li meta ttawwlet rat lil zewgha kollu demm bil-qieghda fl-art. Tghid: *"Ghall-ewwel il-karozza ta' Karmenu kienet ftit 'il fuq, 'il gewwa minn taghna, imma x'hin ra lil Wilfred hiereg minn gol-karozza u jaghlaq nizel*

[1] *A fol.* 51 tal-kawza **Il-Pulizija vs. Carmel Muscat** (Kawza Distrett Numru 855/2009).
*A fol.* 106 tal-kawza **Il-Pulizija vs. Lawrence Muscat** (Kawza Distrett Numru 856/2009).
[2] *A fol.* 52 *et seq.* tal-kawza **Il-Pulizija vs. Carmel Muscat** (Kawza Distrett Numru 855/2009).
*A fol.* 107 *et seq.* tal-kawza **Il-Pulizija vs. Lawrence Muscat** (Kawza Distrett Numru 856/2009).

*ghal fuqu biex naturalment Wilfred ma jahrabx, ma jmurx id-dar, jiftah u jidhol. Ghax Wilfred ma kienx jaf li hemm l-iehor ukoll"* (*a fol.* 223).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 228 *et seq.*), tikkonferma li baghtet messagg lil zewgha Wilfred fejn qaltlu biex joqghod attent ghax kien hemm l-ahwa Muscat. Tghid: *"Hareg [Wilfred mil-vettura], ghalaq il-bieba, u l-iehor saq ghal fuqu, rekknu, il-karrozza taghna wiccha 'l fuq thares lejn ta' Muscat, ta' Muscat thares 'il barra, rekknu hekk, hareg mill-bieba gie gon-nofs, qabdu Wenzu, beda jtih. U ma seta' jmur imkien ghax la seta' johrog 'il hawn u lanqas 'il hawn"* (*a fol.* 233). Tghid li wara li Wilfred Camilleri gie mrekken, tar ghal fuq il-*windscreen*.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 305), Wilfred Camilleri ezebixxa pjanta li turi konfigurazzjoni tal-isqaq liema pjanta giet immarkata bhala Dok. "Z" (*a fol.* 306).

Illi, permezz ta' Nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-3 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 310 *et seq.*), Wilfred Camilleri ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "A" sa "C" (*a fol.* 312 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawza l-imputat jinsab akkuzat b'diversi imputazzjonijiet li huwa allegatament wettaq dakinhar tal-20 ta' Novembru 2009 meta nholoq argument mal-ahwa kwerelanti Muscat. Qabel il-Qorti tghaddi sabiex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat wahda wahda, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta li d-dizgwid bejn l-

imputat u l-kwerelanti kien dizgwid li kien ilu gej tant li kien diga hemm proceduri fil-Qorti li jinvolvuhom fil-konfront ta' xulxin. Mill-mod kif il-kwerelanti u l-imputat xehdu u ezebew id-dokumenti li riedu jipprezentaw f'dawn il-proceduri, il-Qorti setghet tinnota l-akkanizmu sfrenat li huma ghandhom jew kellhom biex jiehdu r-ragun li huma jippretendu li ghandhom fil-konfront ta' xulxin. L-akkanizmu msemmi jidher mid-depozizzjonijiet twal u ma jispiccaw qatt tal-partijiet koncernati f'dawn il-proceduri. Il-Qorti tinnota wkoll li minkejja li t-tlitt persuni involuti fl-argument dakinhar tal-20 ta' Novembru 2009 ipingu lilhom infushom bhala l-vittmi u li huma ma ghamlu xejn hazin fil-konfront ta' xi hadd iehor m'hemmx dubju li dakinhar it-tlieta li huma kellhom rwol attiv fl-argument u li bl-antagonizmu li kellhom lejn xulxin (l-ahwa Muscat fil-konfront ta' Camilleri u Camilleri fil-konfront tal-ahwa Muscat) hadd minnhom ma ried icedi xejn u li kollha kemm huma kellhom x'jahtu ghall-argument *per se*. Beda min beda l-argument *per se* dakinhar tal-20 ta' Novembru 2009, il-Qorti tifhem li t-tlitt partecipanti kellhom rwol attiv f'dak li gara bil-konsegwenza li kollha kemm huma spiccaw kif spiccaw. Dan huwa kaz li l-Qorti tista' tiddeskrivih bhala wiehed fejn persuna tinsab f'post hazin fil-hin hazin u dana peress li bl-antagonizmu li kellhom ghal xulxin (l-ahwa Muscat fil-konfront ta' Camilleri u vici-versa) li qisek ghandek persuna li qed tersaq vicin in-nar bil-konsegwenza li jispicca jinharaq.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-imputat fil-kawza odjerna ma huwiex f'pozizzjoni li jinvoka l-legittima difesa jew li gie provokat. Dan japplika wkoll fil-kaz tal-kwerelanti fil-kawzi fejn huma imputati. Il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** jinghad s-segwenti:

> "Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull

> bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioé it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu *stante* li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioé li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."

Illi, dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu **Lectures in Criminal Law, Part I**, jghid hekk (pagna 104):

> *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was*

> *merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi, minn qari akkurat ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputat jista' jinvoka l-legittima difesa da parte tieghu u dana *stante* li ma jirrizultax li saret xi difiza da parte tieghu *"biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur"*, u dana kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** kwotata hawn fuq.

Illi, kif diga nghad aktar il-fuq, lanqas ma jista' jigi nvokat l-iskuzanti tal-provokazzjoni. *Di fatti*, riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-15 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Sant** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni necessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza […] bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat ikun huwa stess fittex li "jigi provokat" biex ikun jista' jinvoka l-provokazzjoni".*

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Hsara Volontarja)</u>:**

Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kkommetta hsara ghad-detriment tal-kwerelant Lawrence Muscat li jghix l-Amerika u li dakinhar tal-akkadut gie Ghawdex biex jara lill-ommu li kienet l-isptar u la ma kienitx fi stat tajjeb ta' sahha. Lawrence Muscat jghid li meta huwa mar jipprova jigbed lil Wilfred Camilleri, Camilleri dar ghalih u tajjarlu n-nucalli li spicca twessa' bil-konsegwenza li beda jaqaghlu minn ghajnejh. Jghid li n-nuccali kien ghadu kemm jaghmlu ftit gimghat qabel l-incident u li kien ghadu gdid. Gharaf n-nuccali li gie ezebit u mmarkat bhala dok. "LB 1" (*Vide a fol.* 4). Lawrence Muscat jghid li n-nuccali jiswa' madwar sitt mitt Euro (€600.00) u filwaqt li kkonferma l-ircevuta Dok. "F" (*a fol.* 16) ta' kemm hallas ghan-nuccali, jghid li l-ammont indikat fuq l-ircevuta huwa dak ta' dollari. Tenut kont ta' dan, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li effettivament n-nuccali tal-kwerelant Lawrence Muscat safa bil-hsara fl-argument in kwistjoni ma' Wilfred Camilleri u li dan spicca hekk wara li gie mtajjar minnu. Fir-rigward tal-valur tan-nuccali, il-Qorti tinnota li filwaqt li rcevuta Dok. "F" (*a fol.* 16) giet mahruga fl-Amerika u hija semplicement fotokopja, il-Qorti tinnota wkoll li din ma gietx ikkonfermata bil-gurament minn min irilaxxaha. Ghall-istess ragunijiet, il-Qorti mhux ser tiehu l-ebda konsiderazzjoni tad-dokumenti medici li jirrizultaw fl-atti processwali u li jirrigwardaw lill-kwerelant Lawrence Muscat. Il-Qorti hadet il-hjiel li l-kwerelant Lawrence Muscat haseb li din il-kawza hija kawza civili ghad-danni, li mhux il-kaz.

Illi, fir-rigward tan-nuccali, tenut kont dak li nghad hawn fuq u minkejja li Lawrence Muscat jghid li n-nuccali jiswa' sitt mitt Euro (€600.00), prova konkreta ta' dan il-valur ma ngabitx u b'hekk filwaqt li l-imputat ser jinstab hati talli kkommetta hsara fin-nuccali *de quo*, il-Qorti mhux ser issib lill-imputat hati tar-reat li jemergi minn Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero ser issibu hati tar-reat li jemergi minn Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li kwalunkwe dubju ghandu jittiehed a favur tal-imputat.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Feriti Hfief fuq il-Persuna ta' Carmel Muscat)</u>**:

Illi Dr. Ian Galea (*a fol.* 22 *et seq.*) ikkonferma c-certifikati medici (Dok. "B" u "C" – *a fol.* 12 u 13) rilaxxati minnu fir-rigward ta' Carmel Muscat. Jixhed li huwa kklassifika l-griehi sofferti minn Carmel Muscat bhala griehi ta' natura hafifa, salv kumplikazzjonijiet.

Illi ghaldaqstant m'hemmx dubju li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Feriti Hfief fuq il-Persuna ta' Lawrence Muscat)</u>**:

Illi fl-istess depozizzjoni moghtija minn Dr. Ian Galea (*a fol.* 22 *et seq.*) meta huwa xehed fir-rigward tac-certifikati medici rilaxxati fir-rigward tal-kwerelant Carmel Muscat, Dr. Galea xehed ukoll fir-rigward tac-certifikati medici (Dok. "D" u "E" – *a fol.* 14 u 15) rilaxxati minnu fir-rigward ta' Lawrence Muscat. Anke hawn, Dr. Galea jixhed li l-griehi sofferti minn Lawrence Muscat gew klassifikati bhala griehi ta' natura hafifa, salv kumplikazzjonijiet. Da parte tieghu, Mr. Raymond Aquilina (*a fol.* 31 *et seq.*), filwaqt li jixhed li mill-*x-rays* irrizulta li Lawrence Muscat kellu operazzjoni f'ghonqu u li mill-bqija rrizulta li ma kien hemm l-ebda ksur, jiklassifika l-griehi sofferti minn Lawrence Muscat bhala ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Mr. Aquilina kkonferma n-notament

tieghu fuq certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "D" (*a fol.* 14 *tergo*).

Illi, bhat-tieni (2) imputazzjoni, anke it-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha wkoll.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**

**(Hebb)**:

Illi mill-provi prodotti u tenut kont ta' dak kollu li jirrizulta mill-atti processwali u kif svolga l-argument, jirrizulta li l-imputat effettivament hebb ghall-ahwa Muscat u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati ta' din l-imputazzjoni.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**

**(Ksur ta' Bon-Ordni jew il-Kwiet Pubbliku)**:

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati ta' din l-imputazzjoni wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati b'dan illi, fir-rigward tal-

ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat ser jigi misjub hati taht Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati fil-konfront tal-imputat u li jirrizultaw pruvati, l-ammont tal-hsarat kagunati fir-rigward tal-parti leza Lawrence Muscat fin-nuccali tieghu, il-fatt li dan l-argument kien jinvolvi wkoll zewg kwerelanti li huma wkoll imputati f'zewg kawzi li kienu qed jinstemghu flimkien ma' din il-kawza u l-fedina penali tal-imputat (Dok. "H" – *a fol.* 18) li hija mcappsa biss minhabba li fis-sena 2004 l-imputat gie misjub hati tar-reat ta' *ragion fattasi*. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta liema piena tkun tikkomprendi ordni ta' hlas mill-imputat ghall-parti leza Lawrence Muscat minhabba l-hsarat sofferti fin-nuccali tieghu. Fir-rigward tal-hsarat imsemmija, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti ser tghaddi biex tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* favur il-parti leza Lawrence Muscat fl-ammont ta' mija u ghaxar Euro (€110).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 214, 215, 221(1), 325(1)(c), 338(dd), u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Wilfred Camilleri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu (b'dan illi, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat mhux qed jigi misjub hati taht Artikolu 325(1)(b) pero taht Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum u tordna li sa

zmien xahar millum l-imputat ihallas is-somma ta' mija u ghaxar Euro (€110.00) lil Lawrence Muscat.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata u jekk ma jhallasx is-somma ta' mija u ghaxar Euro (€110.00) lil Lawrence Muscat fiz-zmien lilu moghti.

Finalment, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Lawrence Muscat u Carmel Muscat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------